**5 ta' Novembru, 1960**

**Imħallef:—**

**Onor. Dr. J. Flores, B.L. Can., LL.D.**

Dottor Henry Copperstone et.

*versus*

Publio Schembri

**Inġurja bl-Istampa — "Exceptio Veritatis"**

*Għall-ammissibbilità tal-prova tal-verità tal-fatti jeħtieġ, skond il-liġi, illi fl-istadju preliminari tal-kawża l-imputat jassumi r-responsabbiltà tal-malafama u jiddikjara li jrid jipprova l-verità tal-fatti attribwiti minnu lill-parti offiża. Jekk tiġi offerta fi stadju ulterjuri tal-kawża, dik il-prova mhix ammissibbli.*

Rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih, fuq kwerela tat-Tabib Dottor Henry Copperstone u oħrajn bħala membri tal-Kunsill tal-"Malta Football Association", ġie mputat lill-imsemmi Publio Schembri illi f'din l-aħħar sena, f'Malta, huwa nġurja gravement lill-kwerelanti fl-unur u r-riputazzjoni tagħhom fil-kwalità premessa;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati ta' Malta tat-30 ta' Jannar 1960, li biha dik il-Qorti ċaħdet l-eċċezzjoni tan-nullità tal-kwerela u dik ta' difett ta' ġurisdizzjoni tal-Qorti, u ddikjarat illi waħda mill-ittri nkriminati — dokument "B" — taqa' taħt id-dispożizzjonijiet tal-Kap. 117 tal-Liġijiet, mentri l-oħra — dokument "C" — taqa' taħt dik il-liġi jekk jiġi l-quddiem pruvat li waslet għand terzi persuni, u l-Qorti ddikjarat li l-"exceptio veritatis" ġiet mogħtija tardivament, u għalhekk ma tistgħax tiġi meħuda f'konsiderazzjoni; b'riżerva tal-kap tal-ispejjeż għas-sentenza finali;

Rat is-sentenza tal-istess Qorti tat-3 ta' Mejju 1960, li biha ġiet miċħuda l-eċċezzjoni tal-"fair comment", u l-kwerelat ġie misjub ħati skond iċ-ċitazzjoni u kundannat għall-multa ta' £5; u ġie ordnat illi l-ispejjeż tas-seduta tad-29 ta' Diċembru 1959 jitħallsu nofs mill-kwerelat u nofs mill-kwerelanti Dottor Benny Camilleri, Paul Debat-

tista u Anthony Zammit, fi kwoti ugwali, dawk tas-seduta tat-30 ta' Jannar 1960 jitħallsu . . . . .;

Rat ir-rikors tal-kwerelat li bih appella kontra żżewġ sentenzi fuq imsemmijin u talab il-liberazzjoni tiegħu minn kull imputazzjoni u piena;

Trattat l-appell fuq is-sentenza tat-30 ta' Jannar 1960, ikkunsidrat;

Għalkemm l-appellanti, fil-parti konklużjonali tar-rikors tal-appell, talab ir-revoka, u mhux ir-riforma tas-sentenza tat-30 ta' Jannar 1960, l-appell f'dan ir-rigward huwa limitat għal dik il-parti tal-istess sentenza fejn l-Ewwel Qorti ddikjarat li l-"exceptio veritatis" ġiet mogħtija tardivament, u li għalhekk ma setgħetx tiġi meħuda in konsiderazzjoni mill-Qorti. Ingħad, infatti, fir-rikors tal-appell:— "Illi l-aggravju huwa ċar u manifest. Għar-rigward tas-sentenza preliminari għandu jingħad li l-eċċezzjoni tal-verità tal-fatti ġiet sollevata meta l-kwerelanti eżibew u kkonfermaw il-kwerela. L-appellanti ma setgħax jissolleva din il-kwistjoni qabel, billi l-kwerelanti kienu irregolari, għax naqsu li jagħmlu riferenza għaliha, barra milli naqsu li jagħtu dettalji kif mitlub mil-liġi. In kwantu għas-sentenza finali . . . ." Il-motivi tal-appell huma wieħed mir-rekwiżiti, skond l-art. 431 tal-Proċedura Kriminali, li taħt piena ta' nullità għandu jkollu r-rikors tal-appell. Darba, għalhekk, li l-aggravju kontra dik is-sentenza huwa ċirkoskritt għall-parti riferita tas-sentenza, anki l-appell minn dik is-sentenza għandu jitqies hekk limitat;

Fl-att taċ-ċitazzjoni ma ntqalx li l-pretiża ngurja kienet ġiet magħmula per mezz ta' "printed matter";

Kif jidher mill-fol. 3 sa 5 tal-proċess, u minn notament tal-Maġistrat a fol. 6, is-sekwela tal-kawża sakemm ġiet differita għas-sentenza finali kienet hekk: il-kwerelat talab u ottjena l-liberazzjoni tiegħu di fronti għal x'uħud mill-kwerelanti li ma kienux dehru quddiem il-Qorti; wara ġiet akkordata l-korrezzjoni ta' isem wieħed mill-kwere-

lanti; u mbgħad il-kwerelat issolleva n-nullità tal-kwerela fuq il-bażi li ma kellhiex ir-rekwiżiti li trid il-liġi fl-art. 530 u oħrajn tal-Proċedura Kriminali; reġistrata din l-eċċezzjoni, il-kwerelant Eugenio Bonello kkonferma l-kwerela u eżibixxa d-dokumenti A, B u C, konsistenti fi skritti, u, wara li xehed li huwa s-segretarju tal-"Malta Football Association Council", huwa indika fejn fl-imsemmija dokumenti, huwa ħassu nġurjat (fol. 6); immedjatament wara li xehed Bonello, id-difensur tal-kwerelat issolleva l-preġudizzjali ta' nuqqas ta' ġurisdizzjoni tal-Qorti; reġistrata din l-eċċezzjoni, il-kwerelanti l-oħra kollha kkonfermaw il-kwerela, u xehdu illi jaqblu ma' dak li qal il-kwerelanti Bonello; f'dan l-istadju d-difiża offriet il-prova tal-verità tal-konviċju;

Għall-ammissibbilità ta' din il-prova hu meħtieġ, billiġi, illi fl-istadju preliminari tal-kawża l-imputat jassumi r-responsabbiltà tal-malafama u jiddikjara li jrid jipprova l-verità tal-fatti attribwiti minnu lill-parti offiża. Fil-kawża "Il-Pulizija vs. Anthony Bartolo", deċiża minn din il-Qorti fid-29 ta' Mejju 1936 (Vol. XXIX-IV-339), ġie ritenut illi "l-istadju li fih il-kwerelanti jispjega u jikkonferma l-kwerela għandu jittieħed bħala parti mit-trattazzjoni tal-kawża, wara ċjoè li jkun spiċċa l-istadju preliminari tagħha . . . . . Jekk il-Qorti tippermetti jew teżiġi li l-kwerela tkun konfermata bil-ġurament, dan isir fl-istadju tal-provi fit-trattazzjoni tal-kawża". Meta f'dan il-każ ġiet offerta l-prova tal-verità, kienu xehdu l-kwerelanti kollha u taw spjegazzjoni fuq kif ħassew ruħhom inġurjati bid-dokumenti eżibiti mill-kwerelanti Bonello;

Kif hemm espost fiċ-ċitazzjoni, il-kwerelanti ħassewhom inġurjati fil-kwalità tagħhom ta' membri tal-Kunsill tal-"Malta Football Association". Bl-eżibizzjoni tad-dokumenti nkriminati mill-kwerelant Bonello bħala segretarju ta' dak il-Kunsill, l-appellanti kien fil-pożizzjoni li, bħal ma oppona l-eċċezzjoni tal-karenza ta' ġurisdizzjoni tal-Qorti, huwa joffri l-prova tal-verità tal-fatti, ankorkè in vija subordinata, jew jipproċedi xort'oħra, b'mod li dik il-prova tkun offerta almenu wara li l-kwerelant Bonello eżibixxa d-dokumenti u qabel ix-xhieda tal-kwerelanti l-oħra;

Fil-fatt, bil-preżentazzjoni ta' dawk id-dokumenti mhux flimkien mal-kwerela, u bin-nuqqas ta' riferenza għalihom fl-istess kwerela u ċitazzjoni, ma jistgħax jingħad illi l-appellanti ma kienx diġà jaf, minn qabel ma xehed il-kwerelant Bonello, li l-pretiża nġurja kienet tirrigwarda dawk id-dokumenti. Infatti, l-ewwel eċċezzjoni li oppona l-appellanti kienet dik tan-nullità tal-kwerela fuq il-motiv li kienet nieqsa mir-rekwiżiti li trid il-liġi; u kien preċiżament fir-rigward tad-dokumenti eżibiti li l-appellanti ibbaża l-eċċezzjoni tiegħu, kif jidher ukoll minn nota tal-osservazzjonijiet tal-appellanti u fol. 14 tal-proċess;

Billi, għalhekk, l-eċċezzjoni in kwistjoni ma ġietx mogħtija fl-istadju preliminari tal-kawża, kif trid il-liġi, il-prova tal-verità tal-fatti ma kienetx aktar ammissibbli fl-istadju li ġiet offerta;

Għal dawn il-motivi;

Preliminarment, tiċħad l-appell in kwantu jirrigwarda s-sentenza tal-Ewwel Qorti tat-30 ta' Jannar 1960, u tikkonferma l-istess sentenza; u tħalli l-kawża fuq l-appell mis-sentenza tat-3 ta' Mejju 1960 għall-udjenza tad-19 ta' Novembru 1960. L-ispejjeż jibqgħu riżervati għas-sentenza finali.